**31 ta' Mejju, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

George Vigo

**Bejgħ — Produzzjoni ta' Dokumenti — Sovranità tal-Parlament — Penali — Art. 389(3) tal-Kap. 12 — Reg. 6 tas-"Sale of Commodities (Control) Regulations, 1952" — Art. 3 tal-Att IV tal-1947.**

*Is-"Sale of Commodities (control) Regulations, 1952" jimponu lil kull persuna, meta tiġi mitluba mill-Kontrollur tal-Ikel u Kummerċ, jew minn xi membru tal-Pulizija, l-obligu li jippreżenta, biex jiġu eżaminati, kwalunkwe fattura jew dokument ieħor, kompriżi l-kotba tal-kummerċ, li jkunu taħt idejh u jkunu relattivi għax-xiri u bejgħ ta' kwalsijasi "commodity".*

*Ir-regolamenti fuq riferiti huma "intra vires", għaliex saru bis-saħħa ta' enabling law".*

*L-argument tas-sovranità leġislattiva tal-Korp Leġislattiv Malti għandu jiftiehem fil-limiti korretti tiegħu; fis-sens illi, fil-waqt li l-Parlament Ingliż huwa "a sovereign law-making body" u "omnipotent", il-korp leġislattiv malti jaqa' fil-kategorija tan-"non sovereign law-making bodies".*

*Apparti dan, però, għalkemm hu veru l-prinċipju li ħadd ma jista' jkun kostrett jagħmel xi ħaġa li biha jinkrimina ruħu, il-fatt li l-leġislatur malti, avvolja kellu dan il-prinċipju quddiemu, għamel dik il-liġi, ifisser li hu ried jidderoga*

*għal dak l-istess prinċipju; u għalhekk mhix aċċettabbli l-eċċezzjoni tal-imputat fis-sens li hu mhux obligat j'pproduċi dawk id-dokumenti, u illi dak l-obligu ma joperax fil-każ tiegħu, għax dik il-produzzjoni tista' tassoġġettah għal proċeduri kriminali.*

*Jekk l-imputat, barra milli jiġi kundannat biex jipproduċi dawk id-dokumenti fi żmien determinat, jiġi kundannat iħallas penali għal kull ġurnata ta' r'tard, huwa lanqas jista' jilmenta minn din l-impożizzjoni ta' penali; għax il-fatt li l-imputazzjoni relattiva nġiebet taħt liġi speċjali ma jirrend'x inapplikabbli d-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Kodiċi Kriminali, ħlief meta l-liġi ġenerali tkun inkonsistenti mal-liġi speċjali; u f'każ ta' applikazzjoni ta' din il-penali mhux b'ss ma hemmx din l-inkonsistenza, anzi, mingħajrha, l-ordni tal-Qorti jsir futili.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli l-Belt Valletta, f'dawn ix-xhur, (1) wara li kien mitlub mill-Pulizija, naqas li jagħti lill-Pulizija għall-eżami l-fatturi jew dokumenti oħra dwar ix-xiri u bejgħ tal-imkatar li kellu esposti għall-bejgħ, (2) u espona għall-bejgħ imkatar meta ma kellux fil-pussess tiegħu l-fatturi;

Rat l-eċċezzjoni tal-imputat, dwar l-ewwel imputazzjoni, illi l-obligu tiegħu li jipproduċi d-dokumenti ma joperax meta din il-produzzjoni tista' tassoġġettah għall-proċeduri kriminali, waqt li huwa ammetta l-fatt li ma pproduċiex id-dokumenti għal din ir-raġuni; u kkontesta t-tieni mputazzjoni;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-10 ta' April 1958, li biha sabet lill-imputat ħati talli ma pproduċiex għall-eżami, wara li ġie mitlub mill-Pulizija, il-fatturi jew dokumenti dwar ix-xiri u l-bejgħ tal-imkatar li kellu esposti għall-bejgħ fil-ħanut tiegħu, u kkundannatu għall-multa ta' £3, u ordnatlu li fi żmien għoxrin ġurnata jipproduċi d-dokumenti relattivi għall-imkatar fil-kwistjoni fl-uffiċċju tal-Food Control Police, taħt penali ta' 5s. għal kull ġurnata ta' ritard, oltre l-perijodu ta' għoxrin ġurnata; u sabitu mhux ħati tat-tieni mputazzjoni, u lliberatu minnha;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li d-deċiżjoni fuq imsemmija tiġi revokata fil-parti kundannatorja tagħha, u b'hekk l-imputat jiġi liberat "in toto";

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-appell hu relattiv għall-ewwel imputazzjoni, konsistenti filli l-imputat, wara li kien ġie mitlub mill-Pulizija, naqas li jagħtiha għall-eżami l-fatturi jew dokumenti oħra dwar ix-xiri u l-bejgħ tal-imkatar li kellu esposti għall-bejgħ;

L-appellant isostni li hu ma hux tenut jipproduċi dawk id-dokumenti lill-Pulizija, jekk dik il-produzzjoni tista' tippreġudikah kriminalment;

Ir-Reg. 6 tas-"Sale of Commodities (Control) Regulations, 1952" jgħid hekk:— "Every person shall, if so required by the Controller or by any member of the Police Force, *produce for examination any invoice or other document* (including books) in his possession, relating to the purchase or sale of any commodity";

Dan ir-regolament inħareġ taħt l-art. 3 tal-Att IV tal-1947, li jawtorizza lill-Gvernatur fil-Kunsill li jagħmel regolamenti, "inter alia", "...... (c) for requiring persons carrying on or employed in connection with, any specified trade or business, to keep such books...... and to produce to any officer or officers, as may be specified, any books, accounts or other documents *relating to that trade or business*";

Ma hemm ebda dubju, għalhekk, u dan qiegħed jingħad biex it-terren tal-kwistjoni jiġi żgumbrat minn din id-diffikultà, li r-Reg. 6 fuq ċitat, bażi tal-imputazzjoni, kien "intra vires" tal-"enabling law"; għaliex il-kliem tar-regolament huma, fis-sustanza rilevanti tagħhom, dawk stess tal-"parent law". F'dan is-sens, kif sewwa rrilevat l-Ewwel Qorti, il-kwistjoni nvoluta f'dan l-appell tiddifferenzja ruħ-

ha "toto caelo" minn dik li ġiet deċiża fl-App. Krim. "Pul. vs. Vigo" fl-14 ta' Diċembru 1951;

Id-difiża ssostni, però, illi, indipendentement minn hekk, dak ir-regolament ma jistgħax jopera meta l-adeżjoni mal-preskritt tiegħu tista' tippreġudika lill-produċent tad-dokument;

L-argument li ġiebet l-Ewwel Qorti dwar is-sovranità leġislattiva tal-Korp Leġislattiv Malti għandu jiftiehem, għas-skans ta' ekwivoċi, fil-limiti korretti tiegħu, kif anki għandha tiftiehem iċ-ċitazzjoni mill-awturi Wade & Philips in appoġġ tiegħu. Ġie deċiż, infatti, mill-Qorti tal-Appell fil-Ġurisdizzjoni Tagħha Superjuri, in re "Micallef Goggi vs. Armando Mifsud", 25 ta' Ġunju 1930, Vol. XXVII-I-553, in bażi għall-aħjar awtoritajiet kostituzzjonali, li l-Parlament Ingliż huwa "sovereign law-making body" u "omnipotent", imma, għall-kuntrarju, il-korp leġislattiv lokali jaqa' fil-kategorija tan-"non sovereign law-making bodies";

Apparti dan, però, ma jidherx li l-eċċezzjoni tad-difiża tista' tiġi sostnuta. Il-leġislatur ried li l-Pulizija jkollha mezz biex tista' effikaċement tikkontrolla li n-neguzjant qiegħed jikkonforma ruħu mall-liġi. Issa, non ostante li l-leġislatur kellu quddiemu l-prinċipju nvokat mid-difiża, hu ried l-istess jagħmel din il-liġi; u l-fatt li għamilha, ċjò non ostante, vwoldiri li ried "pro tanto" jidderoga għal dak il-prinċipju. "Essendo fatta una legge quando un'altra già esisteva, è necessario dire che il legislatore intese introdurre qualche innovazione" (Appell "Sammut vs. Schembri", 11 ta' Diċembru 1863) — prinċipju li ġie wkoll hekk espress mir-Rota Romana, in Melivetana:— "Lex posterior abrogat priorem sibi contrariam quando in legislatore concurrit scientia contrariae legis abrogantis ad legem abrogatam". L-istess għamel il-leġislatur malti meta, bl-emenda tal-1931, iffakoltizza lill-Qorti Inkwirenti, fil-kors ta' kumpilazzjoni, li tordna, fuq talba tal-Pulizija li jittieħdu l-impronti diġitali tal-imputat, non ostanti li l-Pulizija jkollha fil-pussess tagħha xi oġġetti tal-"in genere" li jkollhom xi marki tas-swaba, li mbgħad jistgħu jirriżultaw identiċi għal dawk tal-imputat;

Kif sewwa osserva l-Maġistrat, interpretazzjoni kuntrarja tmur għal kollox kontra l-loġika ġuridika: għax allura l-liġi tiġi *ridotta għall-assurd, in kwantu li tiġi* tapplika biss meta *n-neguzjant* ikun qiegħed josserva l-liġi, u tiġi reża inoperattiva appuntu meta jeħtieġ li tkun operattiva, ċjoè *meta n-neguzjant ikun ivvjola l-liġi*. Dan kuntrarjament għall-massima tad-Dritt Ruman "semper est arcenda ea interpretatio qua lex omni ratione destituatur et insanam continet sententiam";

Id-difiża nsorġiet ukoll kontra *l-provvediment* tal-Maġistrat li bih ġiet imposta lill-imputat penali dijurna ta' 5s. f'każ ta' ritard fil-konsenja tad-dokumenti oltre ż-żmien prefiss ta' għoxrin ġurnata — bażat *dan* *il-provvediment* fuq l-art. 389(3) Kap. 12;

Iżda dan il-provvediment ġie ordnat "recte et rite"; għaliex il-fatt li l-liġi li taħtha nġiebet l-imputazzjoni hija liġi speċjali ma jirrendix *inapplikabbli d-dispożizzjonijiet* ġenerali tal-Kodiċi Kriminali; u dan anki in bażi tal-art. 5 tal-Kap. 37 tal-Edizzjoni Riveduta, li jirrendi applikabbli kull dispożizzjoni tal-Kodiċi *Kriminali* għall-każ ta' reati taħt liġi speċjali ħlief jekk il-liġi ġenerali tkun inkonsistenti mall-liġi speċjali. F'dan il-każ, mhux talli ma hemm ebda inkonsistenza, imma anzi hu sewwa li l-ordni tal-Qorti ma jibqgħax "lettera morta". Id-difiża ssottomettiet illi din l-inkonsistenza toħroġ mill-kliem tar-Reg. 17(2), fejn jingħad:— "The provisions of the Criminal Laws relating to criminal proceedings shall, subject as herein after stated, apply in respect of proceedings for offences under these Regulations"; ċjoè mill-kliem "subject as herein after stated". Però, dawk il-kliem ma għandhomx dak issens estiż; jfissru biss li, jekk fid-dispożizzjonijiet *sussegwenti* tar-"Regulations" hemm xi ħaġa li hi kuntrarja għad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, allura tipprevali din id-dispożizzjoni speċjali *kuntrarja, u ma* tfisserx, u ma tistgħax tfisser, li b'dawk il-kliem tiġi eskluża l-applikabbilità ta' kull dispożizzjoni oħra konċiljabbli; għax altrimenti d-dispost tar-Reg. 17(2) *kien ikun futili*. Għalhekk, l-argument tad-difiża hu verament "petizione di principio"; għax wieħed għandu dejjem jara jekk, fid-dispożizzjonijiet sussegwenti tar-Regolamenti, *hemmx* xi ħaġa

kuntrarja inkonċiljabbli. Fil-fatt ma hemmx; għaliex l-impożizzjoni tal-penali ma hijiex ħlief sanzjoni biex tassikura l-osservanza tal-ordni tal-Qorti;

Għal dawn ir-raġunijiet, u għat-tenur tal-premess;

Din il-Qorti tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Iż-żmien ta' għoxrin ġurnata jibda jgħaddi mil-lum.